# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 189/19/2 AGV**

**Av. Nicole Vella de Fremaux**

**v.**

**Av. Adrian Delia**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell li l-attriċi ('appellanti') ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Lulju 2021 u li biha laqgħet it-talba tal-konvenut ('appellat') sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

2. B'rikors tal-appell ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2021 l-attriċi spjegat li appellat mis-sentenza:

> *"primarjament għaliex ġiet mogħtija bi ksur tal-prinċipji ta' smigħ xieraq fil-konfront tal-esponenti appellanti u, sussidjarjament għaliex l-esponenti ser issofri preġudizzju mhux proporzjonat li kieku kellha tintlaqa t-talba tal-konvenut appellat."*

3. Bħalissa bejn il-partijiet hemm kawża għall-firda personali preżentata fis-6 ta' Awwissu, 2019. Il-partijiet iżżewġu fit-30 ta' Ġunju 2001 u kellhom ħamest itfal bl-ikbar waħda maġġorenni u l-iżgħar għandu għaxar snin.

Konsiderazzjonijiet.

4. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti ma ppermettitilhiex smigħ xieraq sabiex hija ġġib prova dwar il-preġudizzju sproporzjonat li skont il-ġurisprudenza kien jinkombi lilha li ġġib għad-determinazzjoni tar-rikors għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Id-dritt għal smigħ xieraq jinkludi fih il-prinċipju ta' *audi alteram partem.* Madanakollu ma jagħtix lill-partijiet l-jedd li jmexxu l-kawża bil-mod li jridu huma mingħajr ebda kontroll. Sabiex jiġi tutelat id-dritt tal-partijiet għal smigħ xieraq, jinkombi fuq il-Qorti tikkontrolla l-andament tal-kawża.

6. F'dan ir-rigward l-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti titlob analiżi tal-fatti kollha relevanti. Għalhekk hu flok li fl-ewwel lok il-Qorti ssemmi kif żvolġew il-proċeduri ġudizzjarji li hemm pendenti:-

6.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fis-6 ta' Awwissu 2019, l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba tort ta' żewġha. Talbet ukoll li tingħata l-kura u kustodja tat-tfal minorenni; li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment xieraq għat-tfal u għaliha; dikjarazzjoni li l-konvenut iddekada mid-drittijiet li jissemmew fl-Artikolu 48(1)(a), (b), (c) u (d) tal-Kodiċi Ċivili; tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għall-amministrazzjoni ħażina tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida d-danni; il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u beni oħra miżmuma in komun u l-qsim tal-istess f'żewġ partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(c) u 51 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenut wara li jittieħed kont tal-krediti parafernali tagħha u d-donazzjonijiet magħmula lilha waqt iż-żwieġ kif ukoll id-debiti dovuti lill-ġenituri tagħha u wara li jittieħed kont ukoll tad-danni kaġunati lill-komunjoni tal-akkwisti mill-istess konvenut; tassenja lilha d-dar matrimonjali akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, jew fin-nuqqas, tawtorizzaha sabiex tkompli tgħix fid-dar flimkien ma' uliedha bl-esklużjoni tal-konvenut għal dak il-perjodu li jidhrilha opportun b'dan illi fiż-żewġ eventwalitajiet id-dar matrimonjali tiġi meħlusa minn kwalsiasi djun preżentement pendenti u tibqa hekk ħielsa matul il-perjodu kollu li

hija tibqa' tirrisjedi fiha; li l-konvenut jiġi kundannat jagħti lura l-krediti parafernali u l-beni dotali/parafernali tagħha jew somma rappreżentanti l-valur tal-istess; in-nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jippubblika kwalunkwe atti notarili meħtieġa u kuraturi deputati għall-eventwali kontumaċi; tiġi awtorizzata tirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

6.2. Il-konvenut wieġeb[1] illi: jaqbel mat-talba għall-firda bejn il-kontendenti u jieħu r-responsabbilita` f'dan ir-rigward għal raġunijiet imputabbli lilu skont il-liġi; l-kura u kustodja ta' wlied il-partijiet għandha tkun konġunta; jaqbel li għandu jħallas manteniment xieraq għat-tfal minuri skont il-mezzi tiegħu iżda ma jaqbilx li għandu jħallas manteniment lill-attriċi *stante* li hija kapaċi tmantni lilha nnifisha; jaqbel li huwa ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(a), (b), (c) u (d) tal-Kodiċi Ċivili u li l-Qorti tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet; ċaħad li amministra b'mod ħażin il-komunjoni tal-akkwisti jew li għamel xi danni lill-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi m'hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati f'dan ir-rigward; jaqbel mal-qsim ta' dak li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali iżda jsostni li l-Art. 48(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax; jaqbel li l-attriċi għandha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali sakemm l-iżgħar mill-minuri wliedhom isir maġġorenni b'dan illi imbagħad l-istess dar għandha tinbiegħ u r-rikavat

[1] Fol. 25 *et seq*.

jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet wara li jkunu tħallsu d-djun pendenti mill-partijiet iżda dwar it-talba sabiex id-dar matrimonjali tiġi meħlusa mid-djun wieġeb illi dan m'huwiex possibbli għaliex m'hemmx biżżejjed assi sakemm ma tinbiegħx l-istess dar; ma jsibx oġġezzjoni li kull parti tieħu l-beni parafernali tagħha; u li m'hemmx ħtieġa għall-ħatra ta' Nutar Pubbliku jew kuraturi deputati jew li l-attriċi tiġi awtorizzata tirreġistra s-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

6.3. Fl-ewwel seduta tat-30 ta' Settembru 2019[2] il-konvenut iddikjara li se jippreżenta rikors sabiex tinbidel l-ordni li tat il-Qorti dwar ħlas ta' manteniment u l-aċċess tiegħu għal uliedu. Għalhekk talab li fis-seduta ta' wara jinstemgħu biss xhieda f'dak ir-rigward;

6.4. Fit-23 ta' Ottubru 2019 il-konvenut ippreżenta r-rikors;

6.5. Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2019 xehdu Dr Claudette Feneh għan-nom tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, Dr Hilary Grech, Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi, Darren Mascena għall-BNF Bank, u Lorraine Attard għall-HSBC Bank plc;

6.6. Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2019 xehed il-konvenut dwar it-talba tiegħu rigward il-manteniment u l-aċċess għat-tfal. Reġa' xehed

[2] Fol. 31.

dwar l-istess rikors fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2019 u b'nota iddikjara u aċċetta li d-data msemmija fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16 għandha tkun b'effett mid-data taż-żwieġ u ċioe` mit-30 ta' Ġunju 2001.[3] Dakinhar xehdu wkoll Darren Mascena għal BNF Bank, Lorraine Attard għal HSBC Bank plc u Dr. Nicolette Spiteri Bailey;

6.7. Fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2020, apparti kwistjoni ta' awtentiċita` ta' dokumenti,[4] il-konvenut sostna li l-mertu tal-ewwel talba huwa eżawrit u l-ħames talba attriċi *in parte* ukoll, salv li jitressqu l-provi ta' natura finanzjarja mill-attriċi sabiex tiġi determinata l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bil-ħidma ta' min l-aktar saret.[5] Dakinhar il-kawża tħalliet għall-provi dwar ir-rikors hawn fuq imsemmi;

6.8. Fid-29 ta' Jannar 2020 il-konvenut ippreżenta rikors ieħor permezz ta' liema talab lill-Qorti tiddikjara l-provi tal-partijiet magħluqa kemm għall-finijiet tal-ewwel talba attriċi kif ukoll fir-rigward id-data meta huwa għandu jiġi kkunsidrat li minnha huwa ħati tal-firda għall-finijiet tal-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodiċi Ċivili. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 l-attriċi kienet notifikata b'dak ir-rikors u wieġbet fit-13 ta' Frar 2020;[6]

[3] Fol. 156.
[4] *Vide* r-risposta tal-attriċi a fol. 162 *et seq*.
[5] Permezz ta' risposta ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2020, l-attriċi opponiet (*vide* fol. 159 et seq).
[6] Fol. 169 *et seq*.

6.9. Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2020 il-konvenut talab korrezzjoni fit-tweġiba ġuramentata tiegħu sabiex fl-ewwel paragrafu l-kliem *'skont il-liġi'* jiġi sostitwit bil-kliem *'mill-attriċi'*. L-attriċi ngħatat żmien biex twieġeb.[7] Fl-istess udjenza, filwaqt li l-attriċi xehdet dwar ir-raba', il-ħames, u s-sitt talba tal-konvenut,[8] eżebiet ukoll l-affidavits tal-ġenituri tagħha;[9]

6.10. Is-seduti tal-21 ta' April 2020 u tat-2 ta' Ġunju 2020 ma sar xejn fihom peress li ġew differiti b'ordni tal-Qorti filwaqt li s-seduta tas-7 ta' Lulju 2020 kienet differita fuq talba tal-avukat tal-attriċi minħabba raġuni ta' saħħa;

6.11. Fil-15 ta' Lulju 2020 il-konvenut talab lill-Qorti sabiex ma jsir l-ebda forma ta' xandir tal-proċeduri odjerni[10] liema talba ġiet milqugħa provviżorjament;[11]

6.12. Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2020 l-attriċi pproduċiet bħala xhieda tagħha l-konsulent fiskali James Bonavia u Edward Mizzi in rappreżentanza tal-HSBC;

[7] Permezz ta' tweġiba ppreżentata fid-9 ta' Ottubru 2020 ma opponietx ruħha għal din it-talba
[8] Fol. 179 *et seq*.
[9] Fol. 177 u 178.
[10] Fol. 216 *et seq*., liema talba ġiet opposta mill-attriċi, *vide* fol. 254 *et seq*.
[11] Fol. 221

6.13. Fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2020 xehdu mill-ġdid James Bonavia u Edward Mizzi. Xehdet ukoll Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta. Fil-frattemp l-attriċi ppreżentat ukoll rikors sabiex il-konvenut jiġi ordnat jilħaq ftehim mal-ARMS Ltd dwar l-arretrati ta' ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u tal-ilma tad-dar matrimonjali jew sabiex, fin-nuqqas, jiżdied il-manteniment mensili dovut mill-konvenut lilha b'mod li hija stess tħallas l-istess kontijiet. Din it-talba ġiet miċħuda;[12]

6.14. Permezz ta' rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2020 il-konvenut talab lill-Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.[13] Da parti tagħha l-attriċi opponiet għat-talba;[14]

6.15. Is-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 kienet differita peress li d-difensur tal-attriċi kien indispost;

6.16. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 reġgħu xehdu Joanna Bartolo kif ukoll il-konvenut, it-tnejn prodotti mill-attriċi. B'nota l-attriċi ppreżentat ukoll kopji legali ta' żewġ ittri uffiċjali rigward dejn allegatament dovut lill-ġenituri tagħha. Dakinhar ġie verbalizzat:

> *"Dr. Libreri jiddikjara illi dwar il-preġudizzju sproporzjonat relatat mar-rikors tal-konvenut għat-terminazzjoni tal-komunjoni, l-attriċi fadlilha aktar provi u f' dan il-kuntest tirrileva illi fl-atti ta' din il-kawża hem eżebiti iktar minn għaxart elef dokument bil-fatt li l-Qrati għamlu żmien*

[12] Fol. 297 *et seq*
[13] Fol. 312 *et seq*
[14] Fol. 318 (risposta ppreżentata wara ż-żmien bil-permess tal-Qorti).

*magħluqin minħabba l-pandemija u bil-fatt ukoll li d-difensur sottofirmat għamel diversi xhur ma jistax jattendi l-Qrati minħabba raġunijiet mediċi, ma kienx possibbli għalih li jkun ġab il-provi kollha sallum, u għaldaqstant jitlob lill-Qorti ma tikkunsidrax magħluqa l-provi dwar ir-rikors tal-konvenut fuq imsemmi.*

*Dr. Galea għall-konvenut jirrileva illi d-dokumentazzjoni finanzjarja f'din il-kawża kienet ingħatat lill-partijiet diversi xhur ilu, fil-maġġior parti tagħha, illi llum stess, fis-seduta kienu qegħdin isiru mistoqsijiet li kienu relatati ma' risposta jew ittra uffiċjali li ġie preżentata lbierah stess għar-rigward ta' ittra uffiċjali oħra preżentata mill-ġenituri tal-attriċi. Illi għalhekk, ġjaladarba l-attriċi dehrila illi ma ssaqsiex fuq il-preġudizzju allura kienet ġustifikata l-Qorti li tiddikjara illi għar-rigward tat-terminazzjoni tal-komunjoni m'għandux ikun hemm aktar provi.*

*Dr Libreri jirrileva li meta ġie biex jagħmel il-kontro eżami ta' Dr. Adrian Delia kienet id-direzzjoni tal-qorti illi l-kontro eżami ma jkunx limitat għal xi rikors partikolari iżda across the board.*

*Il-Qorti, peress illi l-kawża ma kienitx imħollija għall-provi fuq ir-rikors tal-konvenut, datat 26 ta' Novembru 2020, u mwieġeb fl-24 ta' Diċembru 2020, tiċħad it-talba u tħalli l-istess għal sentenza in parte.*

*Kawża differita 29 ta' April 2021, fis-14:00hrs, provi attriċi."*

6.17. Is-seduta sussegwenti tad-29 ta' April 2021 ġiet differita bħala miżura ta' prekawzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19;

6.18. Fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021 l-attriċi kompliet tressaq ix-xhieda fil-kawża ta' separazzjoni, u li kienu Dr Nadia Vella għan-nom ta' Mapfre Middlesea Valletta, Dr. Daphne Mallia għan-nom ta' Mapfre MSV Life, Glenn Magro f'isem HSBC Life Assurance, Daniel Azzopardi in rappreżentanza tal-BNF Bank, Lorraine Attard għan-nom tal-HSBC Bank u Dr. Hubert Theuma għan-Nutar tal-Gvern. Il-każ kien differit għas-seduta tal-15 ta' Lulju 2021 *'sabiex tingħata sentenza in parte'*. Dakinhar l-attriċi u l-avukat li jassistiha kienu preżenti. Evidenti li s-sentenza li kellha tingħata kienet dwar ir-rikors tal-konvenut għat-terminazzjoni tal-

komunjoni tal-akkwisti, kif effettivament seħħ fis-seduta ta' wara (15 ta' Lulju 2021).

6.19. B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2021 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba tal-konvenut għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

7. Hu minnu li fit-talba tar-rikors tal-appell l-attriċi ma talbitx espressament għar-revoka tad-digriet tal-4 ta' Marzu 2021. Pero` l-ewwel aggravju hu proprju dwar hekk. Fil-fatt l-attriċi argumentat li dak id-digriet *".... jikkostitwixxi ksur lampanti tad-dritt għas-smigħ xieraq li l-esponenti għandha sabiex hija tipproduċi provi fir-rigward tal-preġudizzju sproporzjonat biex ma tiġix milqugħa t-talba tal-konvenut għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti"*. Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba għar-revoka tad-digriet bħala kompriża fit-talba għar-revoka tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021.

8. Hu fatt li mill-atti ma jirriżultax li l-ewwel Qorti ffissat seduta sabiex il-partijiet iressqu l-provi b'referenza għar-rikors tal-konvenut tas-26 ta' Novembru 2020. Dan minkejja li qabel dakinhar kienu diġa` instemgħu xhieda dwar il-qagħda finanzjarja tal-partijiet.

9. Hu fatt ukoll li wara s-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 għaddew iktar minn erba' xhur sakemm ingħatat is-sentenza, u f'dak l-intervall ma

jirriżultax li l-attriċi talbet lill-ewwel Qorti sabiex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni li ħadet f'dik is-seduta u tagħtiha l-opportunita` li tressaq iktar provi relatati mat-talba tal-konvenut għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Saħansitra saret seduta fl-10 ta' Ġunju 2021 li fiha l-attriċi kompliet tressaq iktar provi li jitrattaw il-meritu tal-kawża. Dakinhar il-Qorti ħalliet il-kawża biex tingħata sentenza dwar it-talba tal-attur, u mill-verbal ma jirriżultax li l-konvenuta rreġistrat xi oġġezzjoni.

10. Madankollu rrispettivament mill-fatt li qabel ingħatat is-sentenza appellata l-attriċi ma talbitx lill-ewwel Qorti biex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni li ħadet, jibqa' l-fatt li l-attriċi ma ngħatatx l-opportunita` li tressaq il-provi li riedet dwar it-talba tal-konvenut. Hu veru li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 l-attriċi ressqet provi u saru domandi lill-konvenut, madankollu mill-atti ma jirriżultax li qabel dik is-seduta l-ewwel Qorti tat xi ordni fis-sens li l-provi kollha relatati mar-rikors tas-26 ta' Novembru 2020 kellhom jinstemgħu f'seduta partikolari. Ir-raġuni stess li tat l-ewwel Qorti għalfejn ċaħdet it-talba tal-attriċi biex tressaq iktar provi, hi wkoll żbaljata. L-ewwel Qorti qalet:

> *"Il-Qorti, peress illi l-kawża ma kinitx imħollija għall-provi fuq ir-rikors tal-konvenut, datat 26 ta' Novembru 2020, u mwieġeb fl-24 ta' Diċembru 2020, tiċħad it-talba u tħalli l-istess għal sentenza in parte"*.

11. Ġialadarba kif qalet l-istess Qorti s-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 ma kinitx intiża sabiex jitressqu provi dwar ir-rikors tas-26 ta' Novembru 2020, iktar u iktar kellha tagħti lill-attriċi l-opportunita` li tressaq provi. Saħansitra l-attriċi lanqas ma kellha l-opportunita` li tixhed peress li fil-

verbal tal-4 ta' Marzu 2021 jingħad li d-difensur li jassistiha informa lill-Qorti li l-attriċi kienet f'kwarantina mandatorja.

12. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attriċi kellha tingħata l-opportunita` biex għallinqas f'seduta waħda tressaq provi b'referenza għall-preġudizzju sproporzjonat li tgħid li ser issofri f'każ ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-proċeduri. Inoltre, il-fatt li qabel is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021 l-attriċi ma talbitx lill-ewwel Qorti sabiex terġa' tikkunsidra d-digriet li bih ċaħdet it-talba biex tressaq provi ma jfissirx li b'daqshekk irrinunzjat għal jedd li tilmenta dwar dik l-ordni.

13. Fit-tweġiba l-konvenut argumenta li ġialadarba huwa ammetta t-tort għas-separazzjoni, kull ma fadal issa hi likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Kompla li l-ewwel Qorti diġa` għandha stampa ċara dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-partijiet. Irrispettivament mill-istampa li seta' kellha l-ewwel Qorti dwar il-meritu tar-rikors, jibqa' l-fatt li ċaħdet it-talba tal-attriċi minħabba li s-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 ma kinitx biex jitressqu l-provi dwar ir-rikors tas-26 ta' Novembru 2020 u madankollu xorta ordnat li tingħata sentenza dwar ir-rikors tal-konvenut. Bil-mod li jargumenta l-konvenut qiegħed jipprova jiġġustifika d-deċiżjoni tal-Qorti għal raġunijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-raġuni li ngħatat fid-digriet. Il-konvenut fit-tweġiba naqas milli jindirizza l-iżball proċedurali li sar mill-ewwel Qorti. Dan meta r-raġuni għalfejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-

talba tal-attriċi m'hijiex għar-raġunijiet li semma l-konvenut iżda għar-raġuni li tissemma fid-digriet.

14. Fiċ-ċirkostanzi b'applikazzjoni tal-Art. 790 tal-Kap. 12 is-sentenza appellata hi nulla.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel aggravju tal-attriċi u tħassar id-digriet tal-ewwel Qorti mogħti waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2021 u s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021. Tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti li għandha tagħti lill-attriċi l-opportunita`, għallinqas f'seduta waħda, li tressaq provi dwar il-preġudizzju sproporzjonat li qiegħda ssostni li ser issofri f'każ li l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenuta għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-kawża. Spejjeż kollha huma a karigu tal-konvenut.

L-atti tal-kawża ta' separazzjoni għandhom minnufih jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr